

## Wiċċ nazzjonali ġdid tal-muniti ta' l-ewro maħsuba biex jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni

(2008/C 125/06)



*Wiċċ nazzjonali tal-munita l-ġdida commemorattiva ta' 2 ewro, maħsuba biex titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni u maħruġa mis-Slovenja*

Il-muniti ewro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni huma valuta legali fiż-żona kollha ta' l-ewro. Il-Kummissjoni tip-pubblika l-karatteristiċi tad-disinji tal-muniti ta' l-ewro ġodda kollha bil-ħsieb li tinforma lill-pubbliku u lill-partijiet kollha konċernati li jgħaddu l-muniti minn taħt idejhom <sup>(1)</sup>. Skond il-konklużjonijiet li l-Kunsill adotta dwar dan is-suġġett fit-8 ta' Diċembru 2003 <sup>(2)</sup>, l-Istati Membri u l-pajjiżi li kkonkludew Ftehim Monetarju mal-Komunità li jipprovdi għall-ħruġ tal-muniti ta' l-ewro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni huma awtorizzati li joħorġu ċerti kwantitajiet ta' muniti commemorattivi ta' l-ewro fiċ-ċirkolazzjoni bil-kundizzjoni li kull pajjiż ma joħroġx aktar minn munita commemorattiva ġdida kull sena, u li tintuża biss id-denominazzjoni taż-2 ewro. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi tal-muniti ta' l-ewro normali, imma għandhom disinn commemorattiv rappreżentat fuq il-wiċċ nazzjonali tagħhom.

**Pajjiż tal-ħruġ:** Is-Slovenja

**Suġġett tal-kommemorazzjoni:** Il-500 anniversarju mit-twelid ta' Primož Trubar

**Deskrizzjoni tad-disinn:** Il-parti interna tal-munita tirrappreżenta x-xbiha ta' Primož Trubar bi profil fuq ix-xellug. Fuq ix-xellug, f'żewġ nofs ċrieki, l-iskriżzjonijiet "PRIMOŽ TRUBAR" u "1508-1586". Fuq in-naħa ta' isfel, fuq il-lemin, fin-nofs ċirkutinsab l-iskriżzjoni "SLOVENIJA 2008".

Iċ-ċirku estern tal-munita jirrapreżenta t-tnaix-il stilla tal-bandiera Ewropea.

**Kwantità ta' muniti maħruġin:** 1 miljun munita

**Data approssimattiva tal-ħruġ:** Mejju 2008

**Disinn fix-xifer:** l-iskriżzjoni "SLOVENIJA" segwita b'tikka intaljata.

<sup>(1)</sup> Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 dwar l-uċuħ nazzjonali kollha li nħarġu fl-2002.

<sup>(2)</sup> Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' l-Affarijiet Ġenerali tat-8 ta' Diċembru 2003 dwar il-bidliet tad-disinn ta' l-uċuħ nazzjonali tal-muniti ta' l-ewro. Ara wkoll ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Settembru 2003 dwar il-prattika komuni għat-tibdil fid-disinn ta' l-uċuħ nazzjonali tal-muniti ta' l-ewro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 264, 15.10.2003, p. 38).